MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 1061/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RENNI STIVALA**
**VS**
**ALFRED PARNIS**

## Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alfred Parnis ta’ 63 sena, bin Joseph u Vincenza nee’ Vella, mwieled Msida fil- 25 ta’ Frar 1949, residenti f’ Marina Flat 2, Karmnu Abela Street, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 303049M ;

Talli f’ xi granet, f’ Lulju 2012 u fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin minnu li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1) bil- hsieb li jwettaq frodi b' ghemil qarrieqi, wera dan il- hsieb b' atti esterni, u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta' frodi b' ghemil qarrieqi billi b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn €232.94 pero ta' anqas minn €2,329.37 ghad- dannu tal- kumpanija Arriva;

2) aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn xi document iehor iffalsifikat;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 189, 308 u 310 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn u tlieta u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,033.45) lill-

kumpanija Ariva Malta fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------